MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 306/1998/1

**Dr John J Cassar ghan-nom u in rapprezentanza ta' International Cane Limited u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2002 isem is-socjeta' attrici gie mibdul ghal "Tabbingtons Limited"**

**Vs**

**Silvio Grech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas is-somma ta' hames mija u sitta u ghoxrin lira (Lm526) rapprezentanti bialnc ta' prezz ta' mobbli mibjugha u konsenjati lid-debitur.

Bl-ispejjez u bl-imghjax inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 5 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talba hija preskritta peress illi ghadda l'fuq minn hames snin mid-data tal-konsenja.
2. Illi l-mobbli konsenjata ma kienetx skond il-kundizzjonijiet pattwita peress illi l-materjal miftiehem kien tal-'solid oak' u l-unit in kwisjtoni giet ikkonsjata bil-fibre board.
3. Ili l-attur noe kellu jaghmel protezzjoni bil-qatran mad-dar tal-Unit li qatt ma sar u li bil-konsegwenza ta' dan l-inadempjenza l-unit in kwistjoni hija presentement mimlija moffa u bla uzu ta' xejn.
4. Illi l-attur noe kien ha l-unit in kwistjoni ghandu sabiex jipprova jikkonsenjah madwar sena u nofs ilu liema unit ma giex lura u ghadu ghand l-attur noe.

Rat is-sentenza <u>preliminari</u> moghtija fis-27 ta' Marzu 2000 u li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni (fol 14 sa fol 17 ibid).

Rat id-digriet Taghha moghti fil-11 ta' April 2005 u li bih gie nominat bhala espert tekniku Charles Sultana (fol 51 tal-istess atti).

Rat l–atti kollha tal-kawza specjalment ir-<u>relazzjoni teknika</u> tal-imsemmi Charles Sultana (fol 66 et seq ibid) kif ukoll dak verbalizzat a fol 78 u fol 80 ibid waqt is-seduti ta'l-10 ta' Dicembru 2008 u tas-27 ta' Mejju 2009.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Paul Tabone</u> (fol 9, fol 27 u fol 40 tal-istess atti) spjega illi d-ditta rapprezentata minnu kienet esegwiet diversi xoghlijiet tal-injam, fuq inkarigu tal-konvenut, bejn l-1990 u l-1991. Dan il-kaz jirreferi biss, ghal "living room units" minhabba li l-konvenut kien ilmenta illi kien hemm "xoghol hazin". Difatti, snin wara, qabel is-sajf tal-1998, ix-xhud kien mar fir-residenza tal-konvenut u li, skond ma qallu l-istess konvenut, kienet "… ghamlet maghluqa xi tlett snin". U, x-xhud, kien ra li fis-salott kien hemm umdita'. F'dan l-inkontru, kien sar skond ix-xhud, ftehim gdid fis-

sens illi l-ammont pretiz skond il-avviz, bhala bilanc kellu jithallas mill-konvenut "… bil-kundizzjoni li nirrangawlu l-ghamara u niggarantulu li l-umdita' ma taghmilx hsara" u dan a spejjes tal-attur nomine. Difatti dan ix-xoghol kien sar inkluza "membraine" fuq wara ghal kontra l-umdita'. Izda meta x-xoghol tlesta, mart il-konvenut informat lill-attur nomine illi "... l-ghamara stajna inzommuha" kif ghadha sallum.

Illi Anthony Saliba "works manager" mal-attur nomine (fol 24 u fol 25 ibid) spjega ukoll illi "….Silvio Grech … informana (kif ghadda certu zmien ossija sena/sena u nofs mill-konsenja) li l-ghamara kienet ittebbet stante li xxarbet". Ghalhekk hu kien mar fil-post, max-xhud precedenti u "esaminajna "unit" minn fost erbgha li, skond il-konvenut kellu hsara". Difatti l-post kien jidher maghluq b'hafna umdita u, minhabba din, l-istess "unit" kellu hafna moffa fuq wara u tbajja fuq quddiem. Hawnhekk, kien sari l-ftehim msemmi mix-xhud precedenti izda, meta u wara li kien tlesta x-xoghol kollu, mart il-konvenut ma rieditx li ssir il-konsenja. Dwar l-ghamara u soffit esegwiti ukoll mill-attur nomine u li kienu fl-istess kawza mal-'unit' imsemmi, dawk ma kellhomx sinjali ta' hsara minn umdita.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 29 et seq ibid) jghid illi hu ghandu x'jilmenta dwar it-tlett 'affarijiet' ordnati minnu bl-aktar gravi jkun il-'unit' li gja ssemma. Hu spjega illi fl-istess kamra fejn kien hemm dawn it-tlett 'affarijiet' kien hemm ftit ta' umdita u ghalhekk kien talab parir minghand l-istess Paul Tabone kif indikat fix-xhieda tal-konvenut inkluz qatran mad-dahar tal-'unit' in kwistjoni. Dan tal-ahhar kien gie konsenjat meta ma kienx hemm presenti hu. Sussegwentement, hu kien ra li d-dahar tal-istess 'unit' bdiet tiswied kif ukoll il-wicc u l-genb. Dwar dan, skond il-konvenut, Paul Tabone kien ammetta li "… kienu insew ipoggu l-qatran" u l-istess 'unit' ittiehdet lura. Wara l-istess Paul Tabone kien ifnormah illi kien ser jinbidel id-dahar kollu tal-istess 'unit' izda hu, l-konvenut, pretenda wiehed gdid u ghalhekk l-istess 'unit' baqa' f'idejn l-attur nomine. Il-konvenut kompla jghid illi kien ordna ukoll

gwarnica maghmula minn ‘solid oak’ bil-prezz ta’ Lm450. Izda skond hu, hu kien skopra illi din kienet saret bil- “…lixx … minn fibre board tal-‘oak’”. Inotre, in rigward tarag u poggaman tal-injam ordnati ukoll, hu sostna illi l-‘finishing’ kien skadenti u mal-genb kien uza fraxxnu minflok zewg piedi ta’ ‘oak’. Dan tal-ahhar kellu prezz ta’ Lm2,500, liema ammont kien thallas mill-istess konvenut. Fl-ahhar hu semma specifikatament illi “… ta’ dawn l-ahhar zewg xoghlijiet hallast kollox pero l-aktar li qed nilmenta huwa in konnessjoni mal-‘unit’ li mhux fil-pussess tieghi …” waqt li x-xoghol kollu l-iehor “… ghadhom fil-post tieghi” (ara ukoll ir-ritratti esebiti minnu a fol 35 ibid u li skond hu juri dak li hu lmenta dwar vis-a-via, is-suffitt u tarag).

Ikkunsidrat

Illi mir-relazzjoni sottomessa mill-espert tekniku (fol 66 et seq ibid), l-ewwel nett, jihder li l-espert kien gie muri t-tarag u soffit msemmija “… li mhux qeghdin f’din il-kwistjoni”. Dwar il-‘unit’ in kwistjoni, hu kien esaminah fil-fabbrika msemmija fir-rapport u ttiehduli ritratti annessi a fol 70 ibid). Inoltre l-istess espert issottometta illi dan il-‘unit’ kien miksi sewwa bil-qatran vis-à-vis l-umdita’ li ssemmiet. Inoltre ma kienet tidher l-ebda hsara fuq il-genb u l-wicc tal-istess ‘unit’ hlief fil-wicc minn naha tad-dar fejn nfethet ftit minhabba c-caqliq minn post ghall-iehor … Din tista tissewwa fil-post” waqt li l-espert semma iz-zieda ta’ faxxa tal-injam f’dan ir-rigward.

Ikkunsidrat

Illi, kif jdiher mill-premess jidher illi din il-kwistjoni tirreferi biss ghall-‘unit’ muri fir-ritratti annessi mar-relazzjoni teknika u esebiti a fol 70 ibid).

Illi dwar l-istess ‘unit’, jidher illi kienet saret hsara fih minhabba l-umdita evitenti fil-post tal-konvenut stess. Cjononostante l-attur nomine kien ftiehem mal-konvenut illi jirrimedja, a spejjes tal-istess attur nomine, dak kollu riskontrat bhala hsara fl-istess ‘unit’. Dan, fil-fatt, kien sar kif jirrisulta, b’mod car u evidenti, mill-istess relazzjoni u

ghalhekk, ma hemm ebda ostakolu, la ta' fatt la legali sabiex il-konvenut jkun kostrett li jhallas l-ammont pretiz fl-avviz.

Illi, ghalhekk, l-eccezzjonijiet sottomessi fuq il-meritu ghandhom jigu respinti waqt li dak mitlub fl-avviz in esami ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm526 ossija €1225.25 bl-imghax legali mid-19 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u b-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju minghajr data, msemmi fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------